MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 463/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta’ Marzu, 1984 fir-Registru Pubbliku ta’ Valletta, Malta u minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;
2. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutara Dottor Jeannette Laferla

Saliba, datat 8 ta' Marzu, 1999, kopja ta' l-istess kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dokument B;
3. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet kienu ftehmu li jirrinunzjaw ghad-drittijiet rispettivi taghhom mill-obbligu li jitolbu l-manteniment minghand xulxin;
4. Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghall-partijiet ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom aktar minn hmistax-il sena legalment separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Ottubru, 2014;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta’ Marzu 1999;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------